REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/989

tas-27 ta' April 2020

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/124 rigward ċerti dispożizzjonijiet u Annessi tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral, li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1627 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2115/2005 u (KE) Nru 1386/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 50(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Unjoni hija parti għall-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni tan-NAFO"), li ġiet approvata permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3179/78 ([2]).

(2) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2019/833 biex fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jiddaħħlu l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tan-NAFO.

(3) L-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) 2019/833 jistipula li l-Kummissjoni għandha tadotta att delegat li jissupplimentah bid-dispożizzjonijiet u l-Annessi tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tan-NAFO msemmijin fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

(4) L-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) 2019/833 jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51 biex sussegwentement temenda dak l-att delegat.

(5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/124 ([3]) issupplimenta lir-Regolament (UE) 2019/833 b'għadd ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tan-NAFO.

(6) Fil-laqgħa annwali tagħha f'Settembru tal-2019 in-NAFO emendat disa' annessi tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tagħha b'rabta mal-lista tal-ispeċijiet indikaturi tal-ekosistemi marini vulnerabbli (VME) (il-Parti VI tal-Anness I.E), il-formati tan-notifikazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-bastimenti (l-Anness II.C), il-lista ta' speċijiet (l-Anness I.C), l-inforri tat-taħkik superjuri awtorizzati/il-ktajjen bil-kuċinilli għas-sajd tal-gambli awtorizzati (l-Anness III.B), il-format tar-rapporti tal-qabdiet (l-Anness II.D), il-format tal-kanċellazzjoni tar-rapporti tal-qabdiet (l-Anness II.F), il-mudell standardizzat tar-rapporti tal-osservaturi (l-Anness II.M), ir-rapporti tal-osservaturi (l-Anness II.G), ir-rapporti tal-ispezzjonijiet (l-Anness IV.B). Dawn l-annessi se jsiru vinkolanti għall-Unjoni fit-3 ta' Diċembru 2019.

(7) Jenħtieġ li dawn il-bidliet jiddaħħlu wkoll fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/124 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

([1]) ĠU L 141, 28.5.2019, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3179/78 tat-28 ta' Diċembru 1978 li jirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ekonomika Ewropea tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 378, 30.12.1978, p. 1).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/124 tal-15 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 34 I, 6.2.2020, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2020/124 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' April 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness għar-Regolament Delegat (UE) 2020/124 huwa emendat kif ġej:

1. Il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Il-Parti VI tal-Anness I.E tas-CEM imsemmija fil-punt 21 tal-Artikolu 3, fl-Artikolu 21(2) u fil-punt (i) tal-punt (a) tal-Artikolu 27(11) tar-Regolament (UE) 2019/833

Lista ta' Speċijiet Indikaturi ta' ekosistema marina vulnerabbli (VME)

Isem Komuni u KODIĊI 3-ALFA tal-FAO ASFIS	**Unità Tassonomika**	**Familja**	**KODIĊI 3-ALFA tal-FAO ASFIS**
Sponoż kbar (PFR - Porifera)	*Asconema foliatum*	Rossellidae	ZBA
	Aphrocallistes beatrix	Aphrocallistidae	
	Asbestopluma (Asbestopluma) ruetzleri	Cladorhizidae	ZAB (Asbestopluma)
	Axinella sp.	Axinellidae	
	Chondrocladia grandis	Cladorhizidae	ZHD (Chondrocladia)
	Cladorhiza abyssicola	Cladorhizidae	ZCH (Cladorhiza)
	Cladorhiza kenchingtonae	Cladorhizidae	ZCH (Cladorhiza)
	Craniella spp.	Tetillidae	ZCS (Craniella spp.)
	Dictyaulus romani	Euplectellidae	ZDY (Dictyaulus)
	Esperiopsis villosa	Esperiopsidae	ZEW
	Forcepia spp.	Coelosphaeridae	ZFR
	Geodia barrette	Geodiidae	
	Geodia macandrewii	Geodiidae	
	Geodia parva	Geodiidae	
	Geodia phlegraei	Geodiidae	
	Haliclona sp.	Chalinidae	ZHL
	Iophon piceum	Acarnidae	WJP
	Isodictya palmata	Isodictyidae	
	Lissodendoryx (Lissodendoryx) complicata	Coelosphaeridae	ZDD
	Mycale (Mycale) lingua	Mycalidae	
	Mycale (Mycale) loveni	Mycalidae	
	Phakellia sp.	Axinellidae	
	Polymastia spp.	Polymastiidae	ZPY
	Stelletta normani	Ancorinidae	WSX (Stelletta)
	Stelletta tuberosa	Ancorinidae	WSX (Stelletta)
	Stryphnus fortis	Ancorinidae	WPH
	Thenea muricata	Pachastrellidae	ZTH (Thenea)
	Thenea valdiviae	Pachastrellidae	ZTH (Thenea)
	Weberella bursa	Polymastiidae	

Qroll ġebli (CSS - Scleractinia)	*Enallopsammia rostrata**	Dendrophylliidae	FEY
	*Lophelia pertusa**	Caryophylliidae	LWS
	*Madrepora oculata**	Oculinidae	MVI
	*Solenosmilia variabilis**	Caryophylliidae	RZT
Qroll gorgonjan żgħir (GGW)	*Acanella arbuscula*	Isididae	KQL (Acanella)
	Anthothela grandiflora	Anthothelidae	WAG
	Chrysogorgia sp.	Chrysogorgiidae	FHX
	*Metallogorgia melanotrichos**	Chrysogorgiidae	
	Narella laxa	Primnoidae	
	Radicipes gracilis	Chrysogorgiidae	CZN
	Swiftia sp.	Plexauridae	
Qroll gorgonjan kbir (GGW)	*Acanthogorgia armata*	Acanthogorgiidae	AZC
	Calyptrophora sp.*	Primnoidae	
	Corallium bathyrubrum	Coralliidae	COR (Corallium)
	Corallium bayeri	Coralliidae	COR (Corallium)
	Iridogorgia sp.*	Chrysogorgiidae	
	Keratoisis cf. *siemensii*	Isididae	
	Keratoisis grayi	Isididae	
	Lepidisis sp.*	Isididae	QFX (Lepidisis)
	Paragorgia arborea	Paragorgiidae	BFU
	Paragorgia johnsoni	Paragorgiidae	BFV
	Paramuricea grandis	Plexauridae	PZL (Paramuricea)
	Paramuricea placomus	Plexauridae	PZL (Paramuricea)
	Paramuricea spp.	Plexauridae	PZL (Paramuricea)
	Parastenella atlantica	Primnoidae	
	Placogorgia sp.	Plexauridae	
	Placogorgia terceira	Plexauridae	
	Primnoa resedaeformis	Primnoidae	QOE
	*Thouarella (Euthouarella) grasshoffi**	Primnoidae	
Pjumi tal-baħar (NTW – Pennatulacea)	*Anthoptilum grandiflorum*	Anthoptilidae	AJG (Anthoptilum)
	Distichoptilum gracile	Protoptilidae	WDG
	Funiculina quadrangularis	Funiculinidae	FQJ
	Halipteris cf. *christii*	Halipteridae	ZHX (Halipteris)
	Halipteris finmarchica	Halipteridae	HFM

	Halipteris sp.	Halipteridae	ZHX (Halipteris)
	Kophobelemnon stelliferum	Kophobelemnidae	KVF
	Pennatula aculeata	Pennatulidae	QAC
	Pennatula grandis	Pennatulidae	
	Pennatula sp.	Pennatulidae	
	Protoptilum carpenteri	Protoptilidae	
	Umbellula lindahli	Umbellulidae	
	Virgularia mirabilis	Virgulariidae	
Ċerjantarji	*Pachycerianthus borealis*	Cerianthidae	WQB
Brijożoa wieqfa (BZN – Bryozoa)	*Eucratea loricata*	Eucrateidae	WEL
Krinojdi (CWD – Crinoidea)	*Conocrinus lofotensis*	Bourgueticrinidae	WCF
	Gephyrocrinus grimaldii	Hyocrinidae	
	Trichometra cubensis	Antedonidae	
Axxidji (SSX – Ascidiacea)	*Boltenia ovifera*	Pyuridae	WBO
	Halocynthia aurantium	Pyuridae	
Mhuwiex probabbli li jinsabu fix-xbieki tat-tkarkir; osservazzjonijiet fuq il-post biss:			
Ksenofijofori kbar	*Syringammina* sp.	Syringamminidae	

”.

2. Il-punt 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(5) Il-Format preskritt fl-Anness II.C tas-CEM imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament 2019/833

Notifika u Awtorizzazzjoni tal-Bastiment

(1) Format għar-reġistru tal-bastimenti

Element tad-*Data*	**Kodiċi**	**Obbligatorju/ Fakultattiv**	**Rimarki**
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	M	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	M	Dettall tal-messaġġ; destinazzjoni, “XNW” għas-Segretarjat tan-NAFO
Minn	FR	M	Dettall tal-messaġġ; Il-kodiċi ISO-3 tal-Parti Kontraenti li qed tittrażmetti
Numru tar-Reġistrazzjoni	RN	M	Dettall tal-messaġġ; in-numru tas-serje tal-messaġġ fis-sena attwali
Data tar-Reġistrazzjoni	RD	M	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin tar-reġistrazzjoni	RT	M	Dettall tal-messaġġ; il-ħin tat-trażmissjoni

Element tad-*Data*	Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Rimarki
Tip ta' Messaġġ	TM	M	Dettall tal-messaġġ; it-tip ta' messaġġ, "**NOT**" għal Notifika ta' bastimenti li jistgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-Żona regolatorja tan-NAFO (RA tan-NAFO)
Isem il-Bastiment	NA	M	Isem-il bastiment
Is-Sinjal tas-Sejħa bir-Radju	RC	M	Is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju tal-bastiment
L-Istat tal-Bandiera	FS	M	L-istat fejn huwa rreġistrat il-bastiment
Numru ta' Referenza Intern	IR	O [1]	Numru uniku tal-bastiment tal-Parti Kontraenti bħala kodiċi tal-Istat tal-bandiera ISO-3 segwit minn numru
Numru tar-Reġistrazzjoni Estern	XR	M	In-numru mmarkat fuq il-ġenb tal-bastiment
Numru OMI tal-bastiment	IM	M	In-numru OMI
Isem il-Port	PO	M	Il-port tar-reġistrazzjoni jew il-port ta' domiċilju
Sid il-Bastiment	VO	M [2]	Sid u indirizz irreġistrat
Kerrej tal-Bastiment	VC	M [2]	Il-persuna responsabbli għall-użu tal-bastiment
Tip ta' Bastiment	TP	M	Kodiċi tal-bastiment tal-FAO (Anness II.I)
Irkaptu tal-Bastiment	GE	O	Klassifikazzjoni statistika tal-irkaptu tas-sajd tal-FAO (Anness II.J)
Tunnellaġġ tal-Bastiment metodu tal-kejl tunnellaġġ	VT	M	Kapaċità ta' tunnellaġġ tal-bastiment f'pari skont kif meħtieġ "OC" = Konvenzjoni ta' "OSLO" tal-1947, "LC" Konvenzjoni ta' "Londra" ICTM-69 Kapaċità totali f'tunnellati metriċi
It-tul tal-bastiment metodu tal-kejl tul	VL	M	Tul f'metri f'pari skont kif meħtieġ "OA" = b'mod ġenerali; tul f'metri
Qawwa tal-Bastiment metodu tal-kejl qawwa	VP	M	Qawwa tal-magna f'pari kif meħtieġ f"KW" PE = magna tal-propulsjoni AE = Magni sommarji awżiljarji Total tal-qawwa tal-magna installata fil-bastiment imkejla f"KW"
Tmiem ir-reġistrazzjoni	ER	M	Dettall tas-sistema; jindika tmiem ir-reġistrazzjoni

[1] Obbligatorju meta jintuża bħala identifikazzjoni unika f'messaġġi oħra.
[2] Liema minn dawn ikun xieraq.

(2) Format għall-irtirar tal-bastimenti mir-reġistru

Element tad-*Data*	Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Rimarki
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	M	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	M	Dettall tal-messaġġ; destinazzjoni, "XNW" għas-Segretarjat tan-NAFO
Minn	FR	M	Dettall tal-messaġġ; Il-kodiċi ISO-3 tal-Parti Kontraenti li qed tittrażmetti
Numru tar-Reġistrazzjoni	RN	M	Dettall tal-messaġġ; in-numru tas-serje tal-messaġġ fis-sena attwali
Data tar-Reġistrazzjoni	RD	M	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin tar-reġistrazzjoni	RT	M	Dettall tal-messaġġ; il-ħin tat-trażmissjoni
Tip ta' Messaġġ	TM	M	Dettall tal-messaġġ; tip ta' messaġġ, "WIT" għal Irtirar ta' bastimenti notifikati

Element tad-*Data*	Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Rimarki
Isem il-Bastiment	NA	M	Isem-il bastiment
Is-Sinjal tas-Sejħa bir-Radju	RC	M	Is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju tal-bastiment
Numru ta' Referenza Intern	IR	O	Numru uniku tal-bastiment tal-Parti Kontraenti bħala kodiċi tal-Istat tal-bandiera ISO-3 segwit minn numru, jekk ikun jeżisti
Numru tar-Reġistrazzjoni Estern	XR	M	In-numru mmarkat fuq il-ġenb tal-bastiment
Numru OMI tal-bastiment	IM	M	In-numru OMI
Data tal-Bidu	SD	M	L-ewwel data li minnha jseħħ l-irtirar
Tmiem ir-reġistrazzjoni	ER	M	Dettall tas-sistema; jindika tmiem ir-reġistrazzjoni

(3) Format għall-awtorizzazzjoni biex jitwettqu attivitajiet tas-sajd

Element tad-*Data*	Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Rimarki
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	M	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	M	Dettall tal-messaġġ; destinazzjoni, "XNW" għas-Segretarjat tan-NAFO
Minn	FR	M	Dettall tal-messaġġ; Il-kodiċi ISO-3 tal-Parti Kontraenti li qed tittrażmetti
Numru tar-Reġistrazzjoni	RN	M	Dettall tal-messaġġ; in-numru tas-serje tal-messaġġ fis-sena attwali
Data tar-Reġistrazzjoni	RD	M	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin tar-reġistrazzjoni	RT	M	Dettall tal-messaġġ; il-ħin tat-trażmissjoni
Tip ta' Messaġġ	TM	M	Dettall tal-messaġġ; tip ta' messaġġ, "AUT" għal Awtorizzazzjoni ta' bastimenti biex iwettqu attivitajiet tas-sajd fl-RA tan-NAFO
Isem il-Bastiment	NA	M	Isem-il bastiment
Is-Sinjal tas-Sejħa bir-Radju	RC	M	Is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju tal-bastiment
Numru ta' Referenza Intern	IR	O	Numru uniku tal-bastiment tal-Parti Kontraenti bħala kodiċi tal-Istat tal-bandiera ISO-3 segwit minn numru, jekk ikun jeżisti
In-Numru tar-Reġistrazzjoni Estern	XR	M	In-numru mmarkat fuq il-ġenb tal-bastiment
Numru OMI tal-bastiment	IM	M	In-numru OMI
Data tal-Bidu	SD	M	Dettall tal-liċenzja; id-data li minnha tidħol fis-seħħ l-Awtorizzazzjoni
Data tat-tmiem	ED	O	Dettall tal-liċenzja: Data li fiha l-awtorizzazzjoni tasal fl-aħħar. Iż-żmien massimu tal-validità huwa ta' 12-il xahar.
Speċijiet u Żona fil-mira	TA	M [1]	Dettall tal-liċenzja; speċijiet u żona permessi għas-sajd dirett. L-ispeċijiet regolati tal-Anness I.A jew I.B għandhom jirreferu għall-ispeċifikazzjoni tal-istokk. Għal speċijiet mhux regolati uża Subżona jew diviżjoni jew "ANY". Ħalli spazju għal diversi pari ta' oqsma. eż.//TA/GHL 3LMNO COD 3M RED 3LN RED 3M HER ANY//
Tmiem ir-reġistrazzjoni	ER	M	Dettall tas-sistema; jindika tmiem ir-reġistrazzjoni

[1] Għall-bastimenti tat-trasport il-qasam TA huwa fakultattiv.

(4) Format biex tiġi sospiża l-awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' attivitajiet tas-sajd

Element tad-*Data*	Kodiċi	Obbligatorju/ fakultattiv	Rimarki
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	M	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	M	Dettall tal-messaġġ; destinazzjoni, "XNW" għas-Segretarjat tan-NAFO
Minn	FR	M	Dettall tal-messaġġ; Il-kodiċi ISO-3 tal-Parti Kontraenti li qed tittrażmetti
Numru tar-Reġistrazzjoni	RN	M	Dettall tal-messaġġ; in-numru tas-serje tal-messaġġ fis-sena attwali
Data tar-Reġistrazzjoni	RD	M	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin tar-reġistrazzjoni	RT	M	Dettall tal-messaġġ; il-ħin tat-trażmissjoni
Tip ta' Messaġġ	TM	M	Dettall tal-messaġġ; tip ta' messaġġ, "SUS" għal Sospensjoni ta' bastimenti awtorizzati
Isem il-Bastiment	NA	M	Isem-il bastiment
Is-Sinjal tas-Sejħa bir-Radju	RC	M	Is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju tal-bastiment
Numru ta' Referenza Intern	IR	O	Numru uniku tal-bastiment tal-Parti Kontraenti bħala kodiċi tal-Istat tal-bandiera ISO-3 segwit minn numru, jekk ikun jeżisti
Numru tar-Reġistrazzjoni Estern	XR	M	In-numru mmarkat fuq il-ġenb tal-bastiment
Numru OMI tal-bastiment	IM	M	In-numru OMI
Data tal-Bidu	SD	M	Dettall tal-liċenzja; id-data li minnha tidħol fis-seħħ is-Sospensjoni
Tmiem ir-reġistrazzjoni	ER	M	Dettall tas-sistema; jindika tmiem ir-reġistrazzjoni

".

3. Il-punt 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(11) L-Anness I.C tas-CEM imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 13(2), fil-punt (b) tal-Artikolu 24(1) u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) 2019/833

Lista ta' Speċijiet ([1])

Isem Komuni	Isem Xjentifiku	Kodiċi 3-Alfa
Ħut tal-qiegħ		
Bakkaljaw	*Gadus morhua*	COD
Merluzz tal-linja sewda	*Melanogrammus aeglefinus*	HAD
Redfishes tal-Atlantiku	*Sebastes* sp.	RED
Dott ħamrani	*Sebastes marinus*	REG
Skorfna tat-Tramuntana (tal-fond)	*Sebastes mentella*	REB
Skorfna tal-Akkadja	*Sebastes fasciatus*	REN
Merluzz fiddieni	*Merluccius bilinearis*	HKS
Lipp aħmar (*)	*Urophycis chuss*	HKR
Pollakkju iswed (= Saithe)	*Pollachius virens*	POK

([1]) Jekk tinqabad speċi li ma tkunx imniżżla f'din il-lista (l-Anness I.C), trid tintuża l-lista tal-kodiċijiet tal-ispeċijiet tal-FAO ASFIS. Il-lista tal-ASFIS tinstab hawn: http://www.fao.org/fishery/collection/asfis/en

Isem Komuni	Isem Xjentifiku	Kodiċi 3-Alfa
Barbun tat-tbajja' Amerikan	*Hippoglossoides platessoides*	PLA
Barbun ilsien il-kelb	*Glyptocephalus cynoglossus*	WIT
Barbun denbu isfar	*Limanda ferruginea*	YEL
Ħalibatt ta' Greenland	*Reinhardtius hippoglossoides*	GHL
Ħalibatt tal-Atlantiku	*Hippoglossus hippoglossus*	HAL
Limanda Amerikana	*Pseudopleuronectes americanus*	FLW
Barbun busnien	*Paralichthys dentatus*	FLS
Barbun Kanadiż	*Scophthalmus aquosus*	FLD
Pixxiċatt (NS)	*Pleuronectiformes*	FLX
Petriċa Amerikana (= Goosefish)	*Lophius americanus*	ANG
Gallini Amerikani	*Prionotus* sp.	SRA
Tomcod tal-Atlantiku	*Microgadus tomcod*	TOM
Antimora blu	*Antimora rostrata*	ANT
Stokkafixx	*Micromesistius poutassou*	WHB
Tirda Amerikana	*Tautogolabrus adspersus*	CUN
Tusk	*Brosme brosme*	USK
Bakkaljaw ta' Greenland	*Gadus ogac*	GRC
Linarda	*Molva dypterygia*	BLI
Lipp	*Molva molva*	LIN
Lumpu jew Liebru tal-baħar	*Cyclopterus lumpus*	LUM
Ombrina Amerikana	*Menticirrhus saxatilis*	KGF
Ħuta bużżieqa tat-tramuntana	*Sphoeroides maculatus*	PUF
Budakkra (NS)	*Lycodes* sp.	ELZ
Budakkra Amerikana	*Macrozoarces americanus*	OPT
Bakkaljaw polari	*Boreogadus saida*	POC
Grenadier imnieħru tond	*Coryphaenoides rupestris*	RNG
Grenadier rasu raffa	*Macrourus berglax*	RHG
Ċiċċirell	*Ammodytes* sp.	SAN
Skorfni	*Myoxocephalus* sp.	SCU
Scup	*Stenotomus chrysops*	SCP
Tawtoga	*Tautoga onitis*	TAU
Ħuta tile ġemel	*Lopholatilus chamaeleonticeps*	TIL
Merluzz abjad (*)	*Urophycis tenuis*	HKW
Merluzz tal-pinen twal	*Urophycis chesteri*	GPE
Ballottra tat-tikek	*Gaidropsarus ensis*	GDE
Lupi tal-Baħar (NS)	*Anarhichas* sp.	CAT

Isem Komuni	Isem Xjentifiku	Kodiċi 3-Alfa
Lupu tal-Atlantiku	*Anarhichas lupus*	CAA
Lupu tat-tbajja'	*Anarhichas minor*	CAS
Lupu tat-Tramuntana	*Anarhichas denticulatus*	CAB
Ħut tal-qiegħ (NS)		GRO
Ħut Pelaġiku		
Aringa	*Clupea harengus*	HER
Kavall	*Scomber scombrus*	MAC
Fietu Amerikan	*Peprilus triacanthus*	BUT
Aringa Amerikana	*Brevoortia tyrannus*	MHA
Kastardella	*Scomberesox saurus*	SAU
Inċova tal-bajja	*Anchoa mitchilli*	ANB
Serra tas-snien	*Pomatomus saltatrix*	BLU
Karanġid Krevall	*Caranx hippos*	CVJ
Tumbrell	*Auxis thazard*	FRI
Kavall sultan	*Scomberomourus cavalla*	KGM
Pizzintun tat-tbajja'	*Scomberomourus maculates*	SSM
Pixxivela	*Istiophorus platypterus*	SAI
Marlin abjad	*Tetrapturus albidus*	WHM
Marlin blu	*Makaira nigricans*	BUM
Pixxispad	*Xiphias gladius*	SWO
Alonga	*Thunnus alalunga*	ALB
Plamtu	*Sarda sarda*	BON
Kubrita	*Euthynnus alletteratus*	LTA
Tonn għajnu kbira	*Thunnus obesus*	BET
Tonna	*Thunnus thynnus*	BFT
Palamit	*Katsuwonus pelamis*	SKJ
Tonna safra	*Thunnus albacares*	YFT
Tonn (NS)	*Scombridae*	TUN
Ħut Pelaġiku (NS)		PEL
Ħut ieħor		
Aringa falza tal-Atlantiku	*Alosa pseudoharengus*	ALE
Ċervjol/Aċċol	*Seriola* sp.	AMX
Gringu Amerikan	*Conger oceanicus*	COA
Sallura Amerikana	*Anguilla rostrata*	ELA
Missina tal-Atlantiku	*Myxine glutinosa*	MYG
Laċċa Amerikana	*Alosa sapidissima*	SHA

Isem Komuni	Isem Xjentifiku	Kodiċi 3-Alfa
Merluzz Arġentin (NS)	*Argentina* sp.	ARG
Gurbell tal-Brażil	*Micropogonias undulatus*	CKA
Msella tal-Atlantiku/Msella Ħadra	*Strongylura marina*	NFA
Salamun tal-Atlantiku	*Salmo salar*	SAL
Kurunella tal-Atlantiku	*Menidia menidia*	SSA
Laċċa tal-Atlantiku	*Opisthonema oglinum*	THA
Alepoċefalu ta' Baird	*Alepocephalus bairdii*	ALC
Gurbell iswed	*Pogonias cromis Black drum*	BDM
Spnotta Sewda	*Centropristis striata*	BSB
Laċċa tal-Kanada	*Alosa aestivalis*	BBH
Kapelin	*Mallotus villosus*	CAP
Salmonidi (NS)	*Salvelinus* sp.	CHR
Kubrita sewda	*Rachycentron canadum*	CBA
Strilja komuni (ta' Florida)	*Trachinotus carolinus*	POM
Laċċa tal-qanżħa	*Dorosoma cepedianum*	SHG
Jakk (NS)	*Pomadasyidae*	GRX
Laċċa medjokri	*Alosa mediocris*	SHH
Ħuta fanal	*Notoscopelus* sp.	LAX
Trill (NS)	*Mugilidae*	MUL
Fietu tat-tramuntana tal-Atlantiku	*Peprilus alepidotus (= paru)*	HVF
Jakk iniggeż	*Orthopristis chrysoptera*	PIG
Denċi qawsalla	*Osmerus mordax*	SMR
Gurbell aħmar	*Sciaenops ocellatus*	RDM
Pagru	*Pagrus pagrus*	RPG
Sawrella Amerikana	*Trachurus lathami*	RSC
Dott tar-ramel/Dott Amerikan	*Diplectrum formosum*	PES
Sargu Amerikan	*Archosargus probatocephalus*	SPH
Taqtuqa tat-tebgħa	*Leiostomus xanthurus*	SPT
Trota tat-tbajja'	*Cynoscion nebulosus*	SWF
Trota rjali/gurbell irjali	*Cynoscion regalis*	STB
Spnotta rrigata	*Morone saxatilis*	STB
Sturjuni (NS)	*Acipenseridae*	STU
Tarpon	*Tarpon (= megalops) atlanticus*	TAR
Troti (NS)	*Salmo* sp.	TRO
Spnotta	*Morone americana*	PEW

Isem Komuni	Isem Xjentifiku	Kodiċi 3-Alfa
Fonsa ħamra (NS)	*Beryx* sp.	ALF
Mazzola griża	*Squalus acantias*	DGS
Klieb il-baħar (NS)	*Squalidae*	DGX
Tawru	*Odontaspis taurus*	CCT
Pixxiplamtu	*Lamna nasus*	POR
Pixxitondu	*Isurus oxyrinchus*	SMA
Kelb il-baħar mgħabex	*Carcharhinus obscurus*	DUS
Ħuta kaħla	*Prionace glauca*	BSH
Klieb il-baħar kbar (NS)	*Squaliformes*	SHX
Kelb il-baħar imnieħru ppuntat	*Rhizoprionodon terraenovae*	RHT
Mazzola sewda	*Centroscyllium fabricii*	CFB
Kelb il-baħar ta' Greenland	*Somniosus microcephalus*	GSK
Gabdoll	*Cetorhinus maximus*	BSK
Rebekkini (NS)	*Raja* sp.	SKA
Rebekkin żgħir	*Leucoraja erinacea*	RJD
Rebekkin tal-Artiku	*Amblyraja hyperborea*	RJG
Rebekkin kbir	*Dipturus laevis*	RJL
Rebekkin tat-tbajja'/rebekkin okkulat	*Leucoraja ocellata*	RJT
Raja tal-Kwiekeb	*Amblyraja radiata*	RJR
Rebekkin lixx Amerikan	*Malcoraja senta*	RJS
Rebekkin denbu jniggeż	*Bathyraja spinicauda*	RJQ
Ħut bil-pinen (NS)		FIN
Invertebrati		
Klamar tal-pinen twal	*Loligo pealei*	SQL
Klamar tal-pinen qosra	*Illex illecebrosus*	SQI
Klamari (NS)	*Loliginidae, Ommastrephidae*	SQU
Gandoffla taqta' tal-Atlantiku	*Ensis directus*	CLR
Gandoffla tal-qoxra iebsa	*Mercenaria mercenaria*	CLH
Gandoffla tal-Iżlanda	*Arctica islandica*	CLQ
Gandoffla tal-qoxra ratba	*Mya arenaria*	CLS
Gandoffla Amerikana	*Spisula solidissima*	CLB
Gandoffla ta' Stimpson	*Spisula polynyma*	CLT
Gandoffli (NS)	*Prionodesmacea, Teleodesmacea*	CLX
Arzella tal-bajja tal-Atlantiku	*Argopecten irradians*	SCB
Arzella tal-Kaliko	*Argopecten gibbus*	SCC
Arzella Islandiża	*Chlamys islandica*	ISC

Isem Komuni	Isem Xjentifiku	Kodiċi 3-Alfa
Arzella Amerikana tal-baħar	*Placopecten magellanicus*	SCA
Arzelli (NS)	Pectinidae	SCX
Gajdra tal-Virġinja	*Crassostrea virginica*	OYA
Masklu komuni	*Mytilus edulis*	MUS
Bebbux bużikon (NS)	*Busycon* sp.	WHX
Brankutli/Bebbux tal-blat (NS)	*Littorina* sp.	PER
Molluski tal-Baħar (NS)	Mollusca	MOL
Granċ tal-blat tal-Atlantiku	*Cancer irroratus*	CRK
Granċ Blu	*Callinectes sapidus*	CRB
Granċ tal-Marsa	*Carcinus maenas*	CRG
Granċ Ġona	*Cancer borealis*	CRJ
Granċ tas-silġ	*Chionoecetes opilio*	CRQ
Granċ aħmar tal-fond	*Geryon quinquedens*	CRR
Granċ irjali tan-Norveġja	*Lithodes maia*	KCT
Granċi tal-Baħar (NS)	Reptantia	CRA
Awwista amerikana	*Homarus americanus*	LBA
Gamblu tat-Tramuntana	*Pandalus borealis*	PRA
Gamblu Esopu	*Pandulus montagui*	AES
Gambli Penaeus (NS)	*Penaeus* sp.	PEN
Gambli Roża (= Pandalidi)	*Pandalus* sp.	PAN
Krustaċji tal-Baħar (NS)	*Crustacea*	CRU
Rizzi	*Strongylocentrotus* sp.	URC
Ħniex tal-Baħar (NS)	*Polycheata*	WOR
Granċ nagħla/limolu	*Limulus polyphemus*	HSC
Invertebrati tal-Baħar (NS)	*Invertebrata*	INV

(*) Bi qbil ma' rakkomandazzjoni adottata minn STACRES fil-Laqgħa Annwali tal-1970 (ICNAF Redbook 1970, il-Parti I, il-Paġna 67), il-merluzz tal-ġeneru *Urophycis* jissemmew kif ġej għar-rappurtar tal-istatistika: (a) għar-rappurtar tal-merluzz mis-Subżoni 1, 2 u 3, u mid-Diviżjonijiet 4R, S, T u V jissemma merluzz abjad, *Urophycis tenuis*; (b) il-merluzz li jinqabad bil-konzijiet, jew kull merluzz li jkun ikbar mit-tul standard ta' 55 cm, irrispettivament minn kif ikun inqabad, mid-Diviżjonijiet 4 W u X, mis-Subżona 5 u miż-Żona Statistika 6 jissemma merluzz abjad, *Urophycis tenuis*; (c) Ħlief kif hemm miktub fin-nota (b), kull merluzz ieħor tal-ġeneru *Urophycis* li jinqabad fid-Diviżjonijiet 4 W u X, fis-Subżona 5 u fiż-Żona Statistika 6 jissemma lipp aħmar, *Urophycis chuss*".

4. Il-punt 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(12) l-Anness III.B tas-CEM imsemmi fl-Artikolu 14(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2019/833

Inforr tat-Taħkik Superjuri awtorizzat/Ktajjen bil-Kuċinilli għas-sajd tal-Gambli Awtorizzati


(1) Inforr tat-taħkik superjuri tat-tip ICNAF

L-inforr tat-taħkik superjuri tat-tip ICNAF huwa biċċa xibka rettangolari li trid titwaħħal mal-parti ta' fuq tal-manka tax-xibka tat-tkarkir biex titnaqqas u tiġi pprevenuta l-ħsara dment li x-xibka tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) din ix-xibka għandu jkollha malji ta' qies li ma jkunx inqas minn dak speċifikat għall-manka fl-Artikolu 13;

(b) din ix-xibka tista' tintrabat mal-manka biss tul it-truf ta' quddiem u laterali tax-xibka u f'ebda post ieħor tagħha, u għandha tintrabat b'tali mod li ma testendix iktar minn erba' malji 'l quddiem miċ-ċinga tal-irfigħ u ma tispiċċax inqas minn erba' malji quddiem il-malja tas-siegla tal-għeluq; meta ma tintużax ċinga tal-irfigħ, ix-xibka ma għandhiex testendi għal iktar minn terz tal-manka mkejla minn mhux inqas minn erba' malji quddiem il-malja tas-siegla tal-għeluq;

(c) il-wisa' ta' din ix-xibka għandha tkun tal-anqas darba u nofs il-wisa' tal-parti tal-manka miksija, u din il-wisa' trid titkejjel perpendikolari mal-assi t-twil tal-manka.



Didaskalija:

L-inforr tat-taħkik superjuri (xbieki biss permessi) iridu jkunu wesgħin daqs darba u nofs il-wisgħa tan-naħa ta' fuq tal-manka = L-inforr tat-taħkik superjuri (xbieki biss permessi) iridu jkunu wesgħin daqs darba u nofs il-wisgħa tan-naħa ta' fuq tal-manka

Irid jitwaħħal mhux inqas minn 4 malji 'l quddiem mill-malji tas-siegla tal-għeluq = Irid jitwaħħal mhux inqas minn 4 malji 'l quddiem mill-malji tas-siegla tal-għeluq

Ċinga tal-irfigħ = Ċinga tal-irfigħ

Mal-kalament tas-sufri = Mal-kalament tas-sufri

Ma għandhomx jitwaħħlu iktar minn 4 malji quddiem iċ-ċinga tal-irfigħ = Ma għandhomx jitwaħħlu iktar minn 4 malji quddiem iċ-ċinga tal-irfigħ

Il-parti ta' quddiem tax-xibka m'għandha titgħatta b'xejn = Il-parti ta' quddiem tax-xibka m'għandha titgħatta b'xejn

Siegla tal-għeluq = Siegla tal-għeluq

Inforr tat-taħkik: Jista' jintuża kull tip ta' materjal biex jipproteġi l-qiegħ tal-manka = Inforr tat-taħkik: Jista' jintuża kull tip ta' materjal biex jipproteġi l-qiegħ tal-manka


(2) Inforr tat-taħkik superjuri bi prieper multipli

L-inforr tat-taħkik superjuri bi prieper multipli huwa ddefinit bħala biċċiet ta' xbieki li fil-partijiet kollha tagħhom ikollhom malji mhux iżgħar minn dak tal-manka tax-xibka, bil-kundizzjoni li:

(a) kull biċċa xibka

- tintrabat mit-tarf ta' quddiem tagħha perpendikolari mal-assi t-twil tal-manka b'intervalli ta' mill-inqas metru bejn qafla u oħra;
- ma tirkibx fuq it-tarf ta' quddiem tal-biċċa xibka ta' ħdejha (ara l-illustrazzjoni li ssegwi din id-dispożizzjoni);
- tkun wiesgħa mill-inqas daqs il-manka (din il-wisa' trid titkejjel b'mod perpendikolari mal-assi t-twil tal-manka fil-punt tal-irbit); u
- tkun magħmula minn materjal ta' barma waħda li jżomm fil-wiċċ; u

(b) it-tul totali tal-biċċiet kollha tax-xibka mqabbda b'dan il-mod ma jaqbiżx iż-żewġ terzi tat-tul tal-manka.



Didaskalija:

Il-bokka tax-xibka = Il-bokka tax-xibka

Inforri tat-taħkik bil-prieper = Inforri tat-taħkik bil-prieper

Il-Manka = Il-Manka

Id-distanza minima bejn it-truf ta' quddiem huwa 1 m = Id-distanza minima bejn it-truf ta' quddiem huwa 1 m

(3) Xibka tat-Tkarkir għall-Gambli – Borża ta' Rinforz tal-Manka, għall-bastimenti li jistadu għall-gambli fl-NRA


Borża ta' rinforz hija ddefinita bħala qoxra ta' barra tax-xibka li tista' tintuża fuq xibka tat-tkarkir għall-gambli biex tipproteġi u tipprovdi s-saħħa lill-manka tax-xibka tat-tkarkir għall-gambli.

(a) Il-bastimenti ma għandhomx jużaw borża ta' rinforz li d-daqs tal-malja tagħha jkun inqas minn 130 millimetru.

(b) Il-borża ta' rinforz ma għandhiex testendi 'l quddiem mill-għeriebel jew mill-gradilji selettivi jew b'xi mod tostakola l-għeriebel jew il-gradilji selettivi.

(c) Borża ta' rinforz ma għandha titwaħħal b'ebda mod li jirrestrinġi l-malja awtorizzata jew li jostakola l-ftuħ tal-malja.

(d) Il-bastimenti ma għandhomx jużaw borża ta' rinforz ma' ebda tip ieħor ta' inforr tat-taħkik superjuri fl-istess ħin.



Didaskalija:

malja ta' 40 mm taħt malja ta' 130 mm = malja ta' 40 mm taħt malja ta' 130 mm

malja ta' 130 mm jew ikbar wara l-gradilja li twassal sas-siegla tal-għeluq, barra l-manka ta' 40 mm - malja ta' 130 mm jew ikbar wara l-gradilja li twassal sas-siegla tal-għeluq, barra l-manka ta' 40 mm

Apparat ta' separazzjoni/gradilja = Apparat ta' separazzjoni/gradilja

Siegla tal-għeluq = Siegla tal-għeluq

Titwaħħal faxxa ta' protezzjoni tal-qiegħ jew jitwaħħal inforr tat-taħkik = Titwaħħal faxxa ta' protezzjoni tal-qiegħ jew jitwaħħal inforr tat-taħkik

40 mm kullimkien = 40 mm kullimkien

malja ta' 130 mm jew ikbar barra l-malja ta' 40 mm għall-gambli wara l-gradilja li twassal sas-siegla tal-għeluq = malja ta' 130 mm jew ikbar barra l-malja ta' 40 mm għall-gambli wara l-gradilja li twassal sas-siegla tal-għeluq


Ktajjen bil-Kuċinilli għas-Sajd tal-Gambli

Il-ktajjen bil-kuċinilli għas-sajd tal-gambli, huma ktajjen, jew ħbula, inkella jistgħu jintużaw flimkien it-tnejn li huma, li jqabbdu l-kalament taċ-ċomb mal-maljetta tal-kalar jew mal-lett ta' taħt b'intervalli bejniethom li jvarjaw.

It-termini "maljetta tal-kalar" u "lett ta' taħt" jistgħu jintużaw wieħed minflok l-ieħor. Ċerti bastimenti jużaw ħabel wieħed biss; oħrajn jużaw kemm maljetta tal-kalar kif ukoll lett ta' taħt, kif jidher fid-disinn.

It-tul tal-katina bil-kuċinilli għas-sajd tal-gambli jrid jitkejjel miċ-ċentru tal-katina jew tal-wajer li jkun għaddej mill-kalament taċ-ċomb (iċ-ċentru tal-kalament taċ-ċomb) san-naħa t'isfel tal-maljetta tal-kalar.

Id-disinn mehmuż juri kif jitkejjel it-tul tal-kuċinilli u tal-katina.



Didaskalija:

Katina bil-kuċinilli = Katina bil-kuċinilli

Xibka = Xibka

Lett ta' taħt = Lett ta' taħt

Maljetta tal-kalar = Maljetta tal-kalar

Kalament taċ-ċomb = Kalament taċ-ċomb

".

5. Il-punt 31 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(31) Il-Format għar-rapport tal-qabdiet fl-Anness II.D tas-CEM imsemmi fl-Artikolu 25(6) u (8) u fil-punt (b) tal-Artikolu 26(9) tar-Regolament (UE) 2019/833

Il-Format u l-Protokolli tal-Iskambju tad-*Data*

A. Il-format tat-trażmissjoni tad-*data*

Kull trażmissjoni tad-*data* jkollha l-istruttura kif deskritt hawn taħt:

(1) Karattri tad-data skont l-ISO 8859.1

(2) Kull trażmissjoni tad-*data* jkollha l-istruttura kif deskritt hawn taħt:

- linja mmejla doppja ("//") u l-karattri "SR" jindikaw il-bidu ta' messaġġ;
- linja mmejla doppja ("//") u l-kodiċi tal-qasam jindikaw il-bidu ta' element tad-*data*;
- linja mmejla waħda ("/") tifred il-kodiċi tal-qasam mid-*data*;
- pari ta' *data* jinfirdu bi spazju;
- il-karattri "ER" u linja mmejla doppja ("//") fl-aħħar jindikaw tmiem ir-reġistrazzjoni.

B. Protokolli għall-iskambju ta' data

Il-protokolli għall-iskambju tad-*data* awtorizzati għat-trażmissjoni elettronika ta' rapporti u ta' messaġġi bejn il-Partijiet Kontraenti u s-Segretarju għandhom ikunu f'konformità mal-Anness II.B tas-CEM, Regoli dwar il-Kunfidenzjalità.

C. Format għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni ta' monitoraġġ tas-sajd

(Il-Format għat-Tramuntana tal-Atlantiku)

Kategorija	Element tad-*Data*	Kodiċi tal-qasam	Tip	Kontenut	Definizzjonijiet
Sistema	Bidu tar-reġistrazzjoni	SR			Jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Dettalji	Tmiem tar-Reġistrazzjoni	ER			Jindika tmiem ir-reġistrazzjoni
	Status ta' Ritorn	RS	Char*3	Kodiċijiet	ACK/NAK = Kien hemm dikjarazzjoni tal-irċevuta/Ma kienx hemm dikjarazzjoni tal-irċevuta
	Numru għar-rappurtar tal-Iżball	RE	Num*3	001 — 999	Kodiċijiet li jindikaw żbalji kif irċevuti fiċ-ċentru tat-tħaddim, ara l-Anness II.D.D(2)
Messaġġ	Indirizz tad-destinazzjoni	AD	Char*3	Indirizz ISO-3166	Indirizz tal-parti li qed tirċievi l-messaġġ, "XNW" għan-NAFO
Dettalji	Minn	FR	Char*3	Indirizz ISO-3166	Indirizz tal-parti li qed tittrażmetti, (il-Parti Kontraenti)
	Tip ta'Messaġġ	TM	Char*3	Kodiċi	Kodiċi għat-tip ta' messaġġ
	Numru tas-Sekwenza	SQ	Num*6	NNNNNN	In-numru tas-serje ta' messaġġi mibgħuta minn bastiment lejn id-destinazzjoni finali (XNW). Dan huwa uniku għal kull bastiment għal sena kalendarja. Fil-bidu tas-sena attwali dan il-valur se jiġi ssettjat mill-ġdid għal 1 għal kull bastiment u se jiżdied ma' kull messaġġ li jintbagħat.
